# ATTIVITAJIET TA' L-GHAQDA

L-Imnara Hareg l-ewwel numru f'Gunju 1978; ghalkemm kien intqal (T.O.M.6-6-78) li ser tohrog darbtejn fis-sena, dan ghalissa mhux possibbli minhabba spejjez, u ukoll minhabba li ix-xoghol kollu ta' kitba u bosta xoghol iehor irid isir kollu mill-editur. Huwa mahsub li tibqa tohrog kull Gunju, izda din is-sena kellha tohrog aktar tard minhabba li l-ewwel editur irrizenja, u l-editur prezenti kellu jistenna id-diversi proceduri ufficjali biex ikompli. L-Imnara No.1 kienet tkopri sal-31 ta' Mejju 1978, in-numru 2 ta' issa ikopri sal-15 ta' Awwissu,1979.

Laqgha mal-Ministru Delegazjoni tal-kumitat tal-Ghaqda tal-Folklor ltaqghet ma' l-Onor.Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara, fil-31-10-78, fejn gie diskuss is-suggett tal-muzew tal-folklor li ghad irid jiftah fil-palazz ta' l-Inkizitur il-Birgu, u kif ahna nistghu nghinu. Il-Ministru riedet l-Ghajnuna taghna biex inhajru l-pubbliku biex jaghmel donazjonijiet ghall-iskop tal-muzew, f'ghamla ta' oggetti addatati. Din il-laqgha giet irrappurtata fl-ahbarijiet, e.g. MTV 1-11-78, Orizzont 2-11-78, etc..

Appelli ghall-Materjal ghall-Muzew tal-Folklor gew ippreparati u imxandra lill-gazzetti u l-mezzi tax-xandir, u dawna gew ippubblikati; e.g.MTV 20-11-78, Times 20-11-78, In-Taghna 27-11-78, Torca 14-1-79, etc..; is-Segretarju kellu wkoll diversi intervisti fuq Cable Radio, eg.27-11-78 f'Hara Lejn, u Dicembru 78 fil-Mara Maltija.

Tibdil ta' l-Isem tal-Ghaqda Minhabba ligi li bdiet issehh mill-1 ta' Novembru 1978, il-kelma "Malta" u "Nazzjon" ma jistghux aktar jigu uzati f'ismijiet ta' pubblikazzjonijiet u ghaqdiet minghir permess mill-Prim Ministru, ghalhekk billi ma tawniex permess nuzew il-kelma Malta jew Malti , fl-isem tal-Ghaqda issa nissejhu 'Ghaqda tal-Folklor',minflok 'Ghaqda tal-Folklor Malti'

Laqgha Generali saret fis-17 ta' Jannar 1979, fis-sala tas-Socjeta' tal-Manifattura Arti u Kummerc, il-Belt. Il-Kumitat taghna jirringrazja lid-direzzjoni ta' din l-organizzazjoni talli hallewna niltaghu ghandhom. Gie approvat tibdil fl-isem tal-Ghaqda, skond il-ligi l-gdida dwar il-kelma Malta.

Attivitajiet Sa ma haret dan in-numru ta' l-Imnara ghad ma sarux laqghat ghall-membri jew il-pubbliku in generali. Dan minhabba li il-kumitat ghandu bosta xoghol iehor ta' laqghat u preparazjonijiet dwar il-muzew tal-folklor li irid jiftah il-gvern. Sa dan ittant huwa mahsub li qabel tispicca s-sena ser isir xi haga. Madankollu nixtieq nsemmu li membri jew min ihallas shubija, mghadux jippretendi bilfors li ta' dan irid jiehu xi haga personalment; ahna nhossu li il-membri tal-ghaqda jissiehbu biex jghinu fl-izvilupp u l-avvanz ta' l-istudju tal-folklor lokali, u li jaraw li l-ghaqda qed tahdem ghall-dan l-iskop, huwa sodisfazzjon bizzejjed. Ukoll min ma jistax jattendi xi laqghat li jsiru, jista xorta jissieheb biex jghin finanzjarjament l-isforzi taghna.

Laqghat mad-Direttur tal-Muzewijiet saru diversi, izda id-Direttur tal-Muzewijiet, is-Sur Frans Mallia, laqghana wkoll fil-Muzew ta' l-Arkejologija fit-18 ta'April 1979, u fil-Muzew ta' l-Istorja Naturali l-Imdina, fil-25 ta' April 1979, biex jurina xi materjal ta' nteress folkloristiku li hemm merfuh f'xi kmamar f' dawn il-muzewijiet, u li l-quddiem jista' jintuza fil-muzew gdid tal-folklor. Dan sar fuq talbiet taghna, biex b'hekk inkunu nistghu ahjar naraw x'jonqos u x'jista' jsir ghall-muzew folkloristiku. (arra l-appendici f'din il-harga ta' l-Imnara fejn hemm imnizzel dettaljat in-negozjati taghna dwar il-ftuh tal-Muzew tal-Folklor,u wkoll il-proposti taghna ta' kif jista jsir u kif nistghu nghinu ahna.) Dawn il-proposti saru f'Mejju/Gunju 1979 u mghoddijin lid-Direttur tal-Muzewijiet u lill-Onor.Ministru tal-Kultura. Ghandna wkoll xi materjal iehor li behsiebna nghadduh lill-muzew malli ni gu avzati li nistghu nibdew nghinu direttament fil-preparazjonijiet.

---